MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 124/2005

**APS Bank Limited (C 2192)**

**Vs**

**Joseph Baldacchino ( ID 330251M) u Mary Doris Baldacchino (ID 15450M) mart Joseph Baldacchino**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in ezami li bih is-socjeta’ attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kkundannati “in solidum” bejniethom li jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett elef seba mija u seba’ u disghin Lira u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm3,797.24) rapprezentanti bilanc debitu ta’ facilita ta’ ‘overdraft’ koncessa mill-Bank attur lill-konvenuti u cioe’ kwantu ghas-somma ta’ tlett elef hames mija u tmienja u tmenin Lira u hamsa u disghin centezmu (Lm3,588.95) dovuta bhala bilanc ta’ debitu ta’ kont kurrenti numru

20000033331 (dok A) u kwantu ghas-somma ta’ mitejn u tmien liri u disgha u ghoxrin centezmu (Lm208.29) dovuta bhala bilanc ta’ debitu ta’ kont kurrenti nurmu 20000223626 (dok B); u dana oltre l-imghax ulterjuri b’effett mil-31 ta’ Dicembru 2004 sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenuti ‘in solidum’ inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru prezentat fil-31 ta’ Mejju kontestwalment ma dan l-Avviz, u bl-imghax legali b’effett mill-31 ta’ Dicembru 2004 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti ‘in solidum’ ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ukoll id-dokumenti annessi mal-istess avviz a fol 2 sa fol 3 tal-att u mmarkati Dok A u Dok B.

Rat in-nota tas-socjeta’ attrici a fol 14 tal-atti u li biha riduciet it-talba bis-somma ta’ Lm1870 stante pagament ta’ dan l-ammont fil-mori ta’ din il-kawza u b’hekk l-ammont mitlub gie ridott ghal Lm1927.24 oltre l-ispejjez u l-imghax ulterjuri b’effett mill-31 ta’ Dicembru 2004, kif mitlub fl-avviz.

Rat in-nota ta’ riduzzjoni ulterjuri u l-prospett annessi a fol 40 u fol 41 tal-atti u li biha dan l-ammont gie ridott ulterjorment ghal Lm696.38 stante pagament iehor fil-mori tal-istess kawza, oltre l-istess spejjes u imghax kif mitlubin fl-avviz.

Rat li l-konvenuti gew debitament notifikati skond il-ligi kif jidher mir-riferta a fol 43, ‘a tergo’ tal-istess atti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi skond kif xehedet Charyl Ciappara prodotta mis-socjeta’ attrici fis-seduta tal-lum stess, il-konvenuti, bid-data tal-lum, huma debituri versu s-socjeta’ attrici, fis-somma ta’ Lm696.38 oltre l-imghax relattiv mill-31 ta’ Dicembru 2004. In rigward l-istess imghax, dan sat-23 ta’ Novembru 2005, kien jammonta ghal Lm145.80 (ara fol

41 tal-istess atti). Illi l-konvenuti, oltre li ghamlu l-pagamenti, kif hawn fuq premess, ma dehrux quddiem din il-Qorti sabiex jikkontestaw it-talbiet attrici u lanqasipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet ghall-istess skop.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talba attrici kif ridotta u tikkundanna lill-konvenuti sabiex 'in solidum' bejniethom jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma, hekk ridotta ta' Lm696.38 bl-imghax legali mill-31 ta' Dicembru 2004, li sat-23 ta' Novembru 2005 kien jammonta ghal Lm145.80 u b'dawk ulterjuri mill-24 ta' Novembru 2005 sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru tat-8 ta' Marzu 2005, imsemmi fl-avviz dawn jithallsu kollha kemm huma mill-konvenuti 'in solidum' bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------